Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,334, 25 ta' Ottubru, 2024
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXIV tal-2024

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali, Kap. 90.

ACT No. XXXIV of 2024

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Attorney General Ordinance, Cap. 90.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

25 ta' Ottubru, 2024

ATT Nru XXXIV tal-2024

ATT sabiex jemenda l-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali, Kap. 90.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2024 li jemenda l-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa l-"liġi prinċipali".

Kap. 90.

Emenda tal-artikolu 4 tal-liġi prinċipali.

2. L-artikolu 4 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Għandu jkun hemm ukoll uffiċjali li jissejħu Deputat Avukat Ġenerali u Uffiċjali oħra tal-Avukat Ġenerali li għandhom jeżerċitaw u jwettqu dawk is-setgħat, il-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha kif jistgħu jiġu delegati jew assenjati lilhom mill-Avukat Ġenerali."; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "id-Deputat Avukat Ġenerali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "id-Deputati

Avukati Ġenerali".

Sostituzzjoni tal-artikolu 5 tal-liġi prinċipali.

3. L-artikolu 5 tal-liġi prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Setgħa li jagħtu ġuramenti.

5. (1) L-Avukat Ġenerali u d-Deputati Avukati Ġenerali u Uffiċjali oħra tal-Avukat Ġenerali għandu jkollhom is-setgħa li jagħtu ġuramenti.

(2) Kull fejn liġi tipprovdi li ġurament għandu jittieħed quddiem l-Avukat Ġenerali, tali ġurament jista' jittieħed ukoll quddiem id-Deputati Avukati Ġenerali jew quddiem uffiċjal ieħor tal-Avukat Ġenerali, kif delegat mill-Avukat Ġenerali.".

Emenda tal-artikolu 6 tal-liġi prinċipali.

4. Fl-artikolu 6 tal-liġi prinċipali l-kliem "mid-Deputat Avukat Ġenerali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "minn Deputat Avukat Ġenerali".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 265 tal-21 ta' Ottubru, 2024.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati